# L-ILBIES JAGĦMEL STQARRIJA

Minn
George Ebejer

# L-ILBIES JAGĦMEL STQARRIJA
## (L-ewwel parti)

Għal żmien twil id-diżinjaturi tal-moda kienu qalu li l-ILBIES JAGĦMEL STQARRIJA. Jiena għandi nammetti li jiena ma kontx nemmen li dan hu tassew. Jiena kont naħseb li dik kienet sempliċiment manuvra biex ibigħu l-ħwejjeġ billi l-istil kien qiegħed jinbidel il-ħin kollu.

Inti tista' tiġġudika għal xi grad il-personalità ta' dak li jilbes ċertu lbies. Jiena nnutajt fuq it-T.V. lil dawk li kienu ġew maqbuda mill-pulizija li spiss huma b'xagħarhom twil, ilbies maħmuġ u mitluq, li wara jidhru fil-Qorti għall-kawża tagħhom f'libsa ġdida, bil-qmis u ingravata, b'xagħarhom maqtugħ pulit u wiċċ nadif mingħajr leħja li meta tarahom lanqas tinduna li kienu l-istess nies. Għaliex il-bidla? L-avukat tagħhom kien tahom parir li l-ġurija hija influwenzata b'kif wieħed jidher.

Ukoll, f'ċerti xogħolijiet, bħal uffiċini tal-poloz (Insurances), u oħrajn, l-iskrivani kemm f'uffiċini kif ukoll fil-banek huma ordnati li jilbsu puliti fejn l-irġiel għandhom jilbsu l-ingravata, u n-nisa jilbsu lbies xieraq. M'aħniex ngħidu li huma ordnati li jilbsu lbies li jiswa ħafna flus, xejn minn dan, imma li huma jkunu jidhru li għandhom rispett lejn il-klijenti tagħhom.

Meta xi ħadd ikun mistieden għal xi tieġ, dan imur bl-aħjar ilbies tiegħu. Għaliex, biex juri rispett lejn il-miż-żewġin ġodda. Nerġa' ngħid, l-importanti hu li mhux xi kwalità ta' lbies nilbsu, kemm jiswa flus jew le, persuna tista' tilbes ilbies li jkun jiswa l-flus u xorta turi nuqqas ta' rispett bil-mod kif hija tilbes!

Fl-ewwel seklu l-appostlu Pawlu kiteb b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu lill-Kristjani, fejn qalilhom li l-Mulej irid lin-nisa "jiżżejnu b'ilbies xieraq"

> "*Hekk ukoll, in-nisa jiżżejnu bi lbies xierqa, bil-modestja u bil-għaqal; mhux b'xagħar midfur, jew deheb, jew ġawhar, jew b'ilbies jiswa l-flus*" (1 Timotju 2:9).

Il-prinċipju ta' din l-istruzzjoni għandu japplika għal kulħadd, kemm irġiel u kemm nisa. Minn hawn wieħed jara li biex mara jew raġel ikunu lebsin puliti u rispettabbli m'hemmx għalfejn li dawn jilbsu lbies li jiswa ħafna flus. Il-kliem li uża Pawlu japplika mhux biss għal ilbies tagħna imma wkoll għall-imġieba tagħna dwar kif nilbsu. Fi kliem ieħor, l-ilbies tagħna jgħid xi ħaġa dwar il-karattru u xi ħaġa dwar kif aħna nħossuna lejn il-funzjoni jew l-okkażjoni.

L-appostlu Pawlu, b'ispirazzjoni ta linji speċifiċi ta' gwida għan-nisa, imma fil-prinċipju, dawn japplikaw ukoll għal l-irġiel. In-nies kollha—mhux dawk biss li huma fi Kristu—jistgħu jibbenefikaw jekk huma jagħtu widen għall-istruzzjonijiet li Pawlu ta lil Timotju biex hu jaqsam mas-sess femminili. Dawn il-kwalitajiet għandhom jimmarkaw jew juru lin-nisa (u rġiel) bħala distinti fl-ilbies u l-kondotta f'dinja ta' ħajja laxka u passjoni bla ebda kontroll. Ma hemmx għalfejn wieħed jispjega kif xi wħud illum qegħdin jilbsu, u meta ngħid xi wħud ma nkunx qiegħed infisser li huma ftit imma huma ħafna!

Dan il-passaġġ meqjus għandu x'jaqsam ma' kif tilbes il-mara, l-attitudni tagħha, l-azzjonijiet tagħha, u l-assoċ-

jazzjoni tagħha ma' l-irġiel. Dan kollu jilħaq il-quċċata tiegħu fi tribut glorjuż lin-nisa, jidentifika kif huma jistgħu kunu salvi.

**L-Ilbies tagħha**

Il-Mulej irid lin-nisa biex "jiżżejnu bi lbies xieraq." "Jiżżejnu" (Grieg: *kosmeo*)—"li tpoġġi fl-ordni, tirranġa, tagħmel għal-lest, tipprepara…li tornamenta, iżżejjen... irranġat tajjeb, diċenti, modest…ta' bniedem igħix biddekor, ħajja ordnata tajjeb…." (Thayer, 356); …tagħmel sabiħ jew attraenti spiritwalment, reliġjożament, moralment…Iżżejjen, tagħmel kredtu lil" (Arndt u Gringrich, 446). Din l-istqarrija sempliċi fiha erba' lezzjonijiet: (1) Alla ntenzjona li l-ġmiel u l-attrazzjoni tal-mara jkunu mogħtija kura u attenzjoni. (2) Ġmiel u attrazzjoni—moralment u spiritwalment—għandhom ikunu identifikabbli f'parti mill-ilbies tan-nies. (3) In-nisa għandhom iżejnu lilhom infushom—jiġifieri, li jippreparaw lilhom infushom. Dan iġib fix-xejn kull wirja traskurata, mhux miżmuma tajjeb jew bla kont tagħhom infushom. (4) In-nisa għandhom jgħażlu lbies modest, irranġat tajjeb, rispettabbli, u onorabbli. Dan il-kuntest jidentifika abbużi fi żmien Pawlu u Timotju bħala "xagħar midfur u deheb jew ġawh-ar jew ilbies lussuż." "Lussuż" (Grieg: *poluteles*)—"prez-zjuż…jeħtieġ spiża kbira, li jiswa ħafna...eċċellenti, jew valur kbir ħafna" (Thayer, 530). L-istqarrija negattiva dwar xagħar midfur, deheb jew ġawhar m'għandix tkun meħuda bħala li tipprojbixxi assolutament kull xagħar irranġat jew deheb jew perli. Innota bil-għaqal il-frażar (kif wieħed iqassam il-kliem) li Pawlu uża. Huwa kliem rettoriku orjentali li fih paragun hu magħmul b'negattiv ("mhux") u affermazzjoni (li tiġi wara "imma" [v. 10]).

L-avverbju "mhux" huwa wżat biex iċaħħad waqt li k-konġunzjoni "imma" hija wżata biex tafferma. Xi ħaġa hija miċħuda (imma mhux li tkun meħuda fis-sens assolut) sabiex tafferma dak li jiġi wara l-konġunzjoni. Meta din il-kostruzzjoni hija wżata, jekk wieħed jieħu n-negattiv f'xi sens assolut, huwa jmur għal estrem. Bħala eżempju, jiena nista' ngħid, "Jien *mhux* sejjer id-dar, *imma* jiena sejjer il-belt." Sejjer int tikkonludi li jiena qatt mhu se mmur id-dar? Jiena qiegħed niċħad wieħed sabiex nenfasizza l-ieħor. Li jiena mhux se mmur id-dar mhix sens assolut għalkemm il-lingwa hija assoluta. Innota din il-forma ta' kliem f'passaġġi bħal Ġwanni 6:27 fejn Ġesù qal,

> "***La** taħdmux għall-ikel li jintemm, **imma** għal dak l-ikel li jdum għall-ħajja ta' dejjem, li jagħtikom Bin il-bniedem: għax fuqu Alla l-Missier qiegħed is-siġill tiegħu*" (enfasi tiegħi)

Ifisser dan li aħna m'għandna nagħmlu *ebda* xogħol? (Ara wkoll 1 Korintin 1:17; 1 Pietru 3:3-4; Rumani 12:2; Mattew 6:19-20, kif ukoll 1 Timotju 2:9-13). Relattivament għal xi wħud minn dawn il-passaġġi xi nies wieġbu b'interpretazzjoni li wasslet għal estermi billi jirrifjutaw li jpoġġu flus fil-banek ("tgeddsux għalikom teżori f'din id-dinja" [Mattew 6:19]), xi marka ta' axxetiżmu ("timxux max-xejra ta' din id-dinja" [Rumani 12:2]), jew jiċħdu l-magħmudija bħala essenzjali biex issalva (għaliex Pawlu ma kienx mibgħut biex igħammed [1 Korintin 1:17]). Dan il-mudell abbużiv wassal għall-ħafna tagħlim żbaljat. Pawlu kien qiegħed iħeġġeġ lin-nisa biex iżejnu lilhom

infushom bil-karattru pjuttost milli b'ilbies li jiswa ħafna flus, b'valuri għolja u kontroll tagħhom infushom sensibbli pjuttost milli b'ġawhar jew fwejjaħ. Aħna għandna npoġġu l-ewwel ħwejjeġ l-ewwel. Ngħixu ħajja bbilanċjata għall-glorja ta' Alla.

Ovvjament, dawn l-istqarrijiet dwar l-ilbies huma ħwej-jeġ relattivi u jvarjaw minn żmien għal żmien u minn kultura għall-kultura. Għall-bidu, Adam u Eva ma libsu xejn u ma kinux jisthu (Ġenesi 2:25). Alla għamilhom dak il-mod, u dak kien tajjeb (Ġenesi 1:26, 27, 31). Wara r-ribelljoni tagħhom, Alla għamlilhom ilbiesi u libbishom, li mbagħad kien tajjeb (Ġenesi 3:21).

Fiż-żmien ta' l-appsotlu Pawlu xi ħaġa kienet tista' tkun imsejħa "ilbies xieraq," u l-istess huwa minnu f'kull żmien. Kull mara (u kull raġel) li jfittxu li jogħġbu li Alla għandhom ikunu ċerti li huma hekk ilibbsu lilhom infushom.

Estremi ta' ħafna żżejjed jew ftit iżżejjed għandhom ikunu evitati. (Sejra l-użana tgħin biex tiddetermina x'inhu ilbies modest? Jista' ċertu lbies ikun modest fi żmien wieħed u mhux modest f'ieħor? Jista' ċertu lbies ikun modest f'ċertu pajjiż [jew sezzjoni waħda tal-pajjiż] u mhux modest f'pajjiż ieħor? *Hawn hija mistoqsija vitali:* Hemm xi tipi ta' lbies li huma *dejjem* modesti u oħrajn fil-pubbliku li huma dejjem immodesti? Għandha persuna Kristjana tilbes dak li hu kwestjonabbli (1 Tessalonikin 5:21, 22)? Naħseb li kulħadd jaf it-tweġiba! Ħafna deheb, ħafna ġawhar, u lbies li jiswa ħafna flus ma jaqblux ma' nisa li jipprofessaw "it-tjieba" (1 Timotju 2:10). "Tjieba" (Greig *theosebeia*)—"riverenza għal Alla, devozzjoni, reliġjon" (Arndt u Gingrich, 258). Ftit wisq ilbies jew

ilbies issikkat li juri l-forma tal-ġisem u li dan jinkoraġġixxi lil irġiel li jħarsu fuq mara b'xewqa żinija ma jistax jaqbel mal-qies ta' li tkun "rispettabbli" jew "onorabbli" (Ara Mattew 5:27, 28). Nisa, mhuwiex biss l-ilbies tagħkom jew id-dehra tagħkom li l-Bibbja hawn irregolat jew semmiet, imma wkoll l-attitudni tagħkom f'li tilbsuh.

Inti, bħala mara Kristjana (ukoll int li mhux Kristjana), għandek tkun taf li modestja perfetta, jiġifieri, modestja Kristjana, teħtieġ mhux biss li inti qatt ma tixtieq li tkun oġġett ta' xewqa mill-parti ta' oħrajn, imma li inti saħansitra tobgħod li tkun wieħed. L-ewwel minn kollox, għaliex l-isforz biex togħġob permezz ta' ġmiel estern ma jiġix minn kuxjenza soda, billi l-ġmiel aħna nafu li huwa dak li jqanqal il-passjoni. Għaliex, mela, teċċita dak il-ħażen kontra tiegħek? Għaliex tistieden xi ħaġa li għaliha inti tipprofessa li inti stranġiera, bħala Kristjana? It-tieni, għaliex aħna m'għandniex nifthu t-triq għat-tentazzjonijiet. Bħala nisa (u rġiel) Kristjani, huma għandhom ikunu ta' eżempju tajjeb u mhux ta' okkażjoni għad-dnub ta' oħrajn!

Aħna għandna, tabilħaqq, nimxu hekk fil-qdusija u fil-milja totali tal-fidi tagħna li aħna nistgħu nkunu kunfidenti u ċerti fil-kuxjenza tagħna stess, nixtiequ li l-modes-tja tibqa' tgħammar fina sat-tmiem, madankollu m'għan-dniex inkunu mimlija bina nfusna fejn nafdaw fuq dan. Għax dik il-persuna li taħseb li hija tista' tafda fuqha nfis-ha hija dik il-persuna li forsi tħossha li m'għandiex tieħu prekawzjonijiet, u dik li tieħu inqas prekawzjonijiet tkun tinsab fl-akbar periklu. Il-biża' hija l-edament tassew għas-salvazzjoni tagħna, fejn li persuna tafda fuqha nfisha huwa tfixil għall-biża'.

Mela, ikun aktar ta' użu għalina jekk aħna naraw minn qabel il-possibbiltà li aħna nistgħu naqgħu għat-tentazzjoni milli jekk aħna nippresumu li ma nistgħux naqgħu. Għax f'li nantiċipaw waqa' aħna nkunu beżagħna, u jekk beżagħna aħna nieħdu ħsieb, u jekk nieħdu ħsieb, aħna nkunu fiż-żgur. Minn naħa l-oħra, jekk aħna nafdaw fuqna nfusna li ma nistgħux naqgħu u ma jkollna ebda biża' u ma nieħdu ebda prekawzjonijiet, ikun diffiċli għalina biex niksbu s-salvazzjoni. Dik il-pesuna li taġixxi fis-sigurtà u mhux fl-istess ħin tkun attenta u moħħha hemm ma jkolliex sigurtà fiż-żgur u soda, fejn dik il-persuna li toqgħod attenta l-ħin kollu tista' tassew tgħid li hija tkun fiż-żgur.

**L-Attitudni tal-Mara**

Il-muftieħ reali għall-mara tilbes l-ilbies it-tajjeb huwa għaliha li "tilbes bi kwalitajiet interni ta' modestja u għaqal" (1 Timotju 2:9).

Kemm hija għanja u li tippremja il-kwalità interna tal-"modestja." "Modestja" (Grieg: *aidos*)—"…sens ta' mistħija,…riverenza…Spiss jintqal li [attitudni] tippreċedi u ma tħallix l-att tal-mistħija…[attitudni] dejjem iż-żomm jew trażżan persuna tajba minn att mhux xieraq" [Thayer, 14]). Hawn, mela, hija l-bażi ta' l-ittestjar intern għall-mara Kristjana. Hija tista' tipprevedi dak li hu ta' mistħija billi tażżan jew tikkontrolla lilha nfisha fl-ilbies (Ara 2 Samwel 11:2). Din l-istruzzjoni titlob li oħt tkun konxja dwar is-safa u teduka lilha nfisha dwar x'inhu lbies modest u x'mhuwiex. L-attitudni xierqa tikkawżaha biex teżerċità attenzjoni relattiva għal kull ilbies li jista' jġib mistħija u għajb fuq il-persuna tagħha.

Il-kwalità meħtieġa biex tikseb il-qies skritturali li ta Pawlu huwa "għaqal." "Għaqal" (Grieg: *sophrosune*)—"stat tajjeb tal-moħħ, sens tajjeb, sanità…kontroll tiegħek innifsek, imġiba serja" (Abbott-Smith, 438). Din il-kelma għandha l-qawwa ta' rażna jew kontroll mibnija fiha. F'dan il-kuntest, din titlob li oħt tkun ikkonċernata dwar kif tilbes. Alla Hu kkonċernat! Din m'għandix tkun xi ħaġa li xi oħt fil-knisja teħodha fuq fuq u ma taħsibx fuqha bl-akbar serjetà. Dawk li ma jinteressahomx spiss stiednu korruzzjoni u wġigħ fuqhom infushom. Il-mara żagħżugħa (jew kbira) li tgħid, "Mhux affari ta' ħadd x'nilbes jien!" din insiet lill-Mulej!

Dawn iż-żewġ kwalitajiet, modestja u għaqal, huma l-imfietaħ reali biex tiddetermina lbies xieraq. Huwa ta' importanza kbira li dawn iż-żewġ karatteristiċi jkunu *mgħallma* u *żviluppati f'kull mara Kristjana* fil-knisja. Imbagħad l-ilbies naturalment ikun magħżul biex joħloq xbieha rispettabbli u onorabbli.

Kif ix-xhur tas-sajf jibdew joqorbu aħna nibdew "in-neħħu" l-ħwejjeġ minn fuqna. Li xi ħadd juri laħam mhu-wiex modest. Dan għandu japplika għar-raġel u għall-mara. Is-soċjetà kollha tagħna issa qiegħda tikxef aktar u aktar mill-ġisem. It-televiżjoni qiegħed jikkontrolla kif in-nies jilbsu. Stampi u messaġġi ta' xi wħud iwasslu messaġġ. Oħroġ barra fit-triq u ara kif in-nisa u l-irġiel qegħdin jilbsu llum, jekk nistgħu ngħidu li qegħdin jilbsu għaliex naħseb aktar ikun floku jekk ngħidu kif qegħdin jinżgħu! Imma l-uniku messaġġ li aħna neħtieġu fil-laqgħat tal-knisja huwa wieħed li jiġi minn Ġesù. Tara omm-ijiet b'uliedhom magħhom li lanqas temmen kif dawn ma jistħux quddiem uliedhom joħorġu barra b'dak l-ilbies u

kif żwieġhom ikunu kuntenti li n-nisa tagħhom joħorġu barra u jagħmlu wirja mill-ġisem tagħhom! Illum ħafna lanqas biss jafu x'inhi mistħija!

Jiena m'inhix qiegħed ngħid li aħna għandna nilbsu kowt jew ġlekk u ngravata kull darba li nattendu għall-qima fil-jum tal-Ħadd. Aħna soċjetà aktar każwali minn dik ta' qabilna, imma ħalli aħna nilbsu lbies każwali li huwa xieraq. Aħna għandna naħsbu li Ġesù Hu preżenti, li Alla jarana wkoll. L-ilbies tagħna juri kif aħna nħossuna dwarhom, jiġifieri, dwar Ġesù u dwar Alla, u kif aħna nagħtuhom riverenza u nirrispettawhom.

Jiena attendejt f'ħafna kongregazzjonijiet f'pajjiżi differenti u jiena ċert, u ċert li kulħadd jaqbel, li fl-ewwel jum tal-ġimgħa, il-Ħadd, xi wħud li jattendu għas-servizz ta' qima lill-Alla lanqas biss igħaddilhom ħsieb li jattendu għal xi tieġ b'dak l-ilbies li huma jkunu libsu biex jagħtu qima lil Alla bih, biex ma ngħidx ukoll li lanqas ma jmor-ru fuq ix-xogħol tagħhom bih għaliex ikunu jaħdmu f'xi uffiċċju, eċċ. Possibbli, li għalihom minn iħaddimhom hu aktar stmat minn Alla! Jiena ġieli nirċievi xi pakketti minn barra jew kotba li jwassluhomli ditta privata u dawk li jġibuhomli jkunu lebsin puliti u wkoll bl-ingravata fis-sajf! Għaliex dan? Biex huma juru rispett lejn il-klijenti tagħhom.

Jekk xi ħadd hu fqir u ma jattendix għaliex hu m'għandux ilbies sabiħ u li jiswa ħafna flus, dan qiegħed jonqos milli jara l-punt dwar l-ilbies Kristjan. Alla u l-knisja jaċċettaw lil kull wieħed u waħda bi kważi kull ilbies, imma dan għandu jkun l-aħjar li aħna għandna mill-punt di vista tad-diċenza, u li aħna nidhru sbieħ u nodfa kemm jista' jkun. Mara tista' tilbes libsa li tkun xtratha minn

għand "tal-lira" u tkun aktar diċenti u pulita u aċċettabbli għall-Mulej milli waħda li tilbes libsa li tkun nefqet kemxa flus mhux ħażin għaliha imma ma tkunx diċenti f'għajnejn il-Mulej għaliex jew tkun skullata ħafna jew qasira ħafna jew drapp trasparenti, eċċ. Kemm tiswa l-libsa mhuwiex l-każ.

Fl-Iskrittura naqraw dwar il-knisja bħala li hija l-għaru-sa ta' Kristu:

> "*U l-belt il-qaddisa, Ġerusalem il-ġdida, rajtha nieżla mis-sema mingħand Alla, im-hejjija bħal għarusa mżejna għall-għarus tagħha….L-Ispirtu u l-Għarusa jgħidu: Ejja!…*" (Rivelazzjoni 21:2; 22:17).

Kristu Hu l-Għarus (Ġwanni 3:29; Rivelazzjoni 21:9). L-għarusa hija l-knisja, aħna! Mela jkun xieraq li meta aħna mmorru biex niltaqgħu ma' l-Għarus immorru b'ilbies diċenti, bl-aħjar li aħna nistgħu noffru! Immaġina jiena sejjer għat-tieġ bix-xorts (qalziet qasir). Immaġina lil l-għarusa sejra tilqa' lill-għarus bil-jeans kollu tbajja jew b'dublett qasir ħafna 'l fuq mill-irkoppa u bi flokk jew qmis qasira ħafna! Żgur li ħadd mhux se jmur hekk għal tieġ!

Mela ħalli aħna niftakru li l-ilbies tagħna tassew jagħmel stqarrija, u ħalli dik l-istqarrija tkun,

> "Jiena nħobb lill-Mulej u nqim l-Isem u l-preżenza Tiegħu."

Qabel ma nitlaq mid-dar biex nagħti qima lil Alla fl-ewwel jum tal-ġimgħa, jiena għandi nistaqsi lili nnifsi, sejjer Alla jkun kuntent bil-mod kif jiena liebes jew liebsa billi jgħid li jiena nirrispettah aktar minn min iħaddimni,

minn min jistedinni għal xi ikla fid-dar tiegħu jew għal xi tieġ, jew minn dak li jiena jkolli xi appuntament miegħu f'xi uffiċċju? Jekk jiena nkun liebes jew liebsa lbies li ma nkunx lest jew lesta li nilbsu għal dawk l-okkażjonijiet imsemmija fuq, allura jiena ċert li Alla mhux se jkun kuntent bil-preżenza tiegħi. Nerġa' nfakkar, mhux kemm jiswa l-ilbies, imma kemm nirrispetta lil Alla b'paragun ma' ħaddieħor!

Għalkemm il-parabbola ta' Mattew 22:1-14 mhix dwar l-ilbies, imma vers 12 juri li mistieden f'tieġ għandu jkun liebes ilbies xieraq għal dik l-okkażjoni. Aħna m'għandniex bżonn li naqraw dwar dan għaliex jiena ċert li ħadd minna ma jkun mistieden għal xi tieġ u jattendi bil-ħwejjeġ li jmur bihom fuq ix-xogħol! Ġesù jgħid hekk dwar dan,

> "*Ħabib, dan kif dħalt hawn mintix* ***liebes*** *għall-festa?*" (Enfasi tiegħi).

Aħna għandna nkunu lebsin skond l-okkażjoni li tkun u dan nagħmluh biex nuru *r-rispett* tagħna lejn dak li jkun u mhux biex minn jarana jgħidilna kemm aħna puliti u sbieħ u ma naħsibx li hemm xi okkażjoni aktar importanti u li jixirqilha li aħna nilbsu diċenti u bl-aħjar mod li nistgħu biex nuru rispett minn meta aħna mmorru fl-ewwel jum tal-ġimgħa ħalli nagħtu qima lil Alla u nieħdu sehem fl-Ikla tal-Mulej! l-ilbies li aħna nilbsu fl-ewwel jum tal-ġimgħa nilbsuh biss bħala rispett lejn il-Mulej u lejn ħadd aktar! Nerġa' ngħid, l-importanti mhuwiex kemm tiswa l-libsa li jkollna fuqna imma jekk aħna mmorrux bl-aħjar libsa li aħna għandna għaliex hekk jixraqlu l-Mulej.

# PRINĊIPJI TAL-BIBBJA DWAR L-ILBIES
## (It-tieni parti)

Il-Bibbja tgħid fl-Ewwel Korintin 6:20,

> "*Għax intom mixtrijin bi prezz: għalhekk igglorifikaw 'l Alla f'ġisimkom, u fl-ispirtu tagħkom, li huma ta' Alla.*"

Aħna nservu lil Alla bil-**ġisem** tagħna kif ukoll fl-ispirtu tagħna, u dan jinkludi l-mod li bih aħna nilbsu. Illum, il-biċċa l-kbira tan-nisa, kbar u żgħar, qegħdin jilbsu l-qliezet, jilbsu nofs ilbies, eċċ. Jiena ċert li dan li se ngħid se jinstama' minn xi wħud bħala li huwa xi ħaġa stramba u antikwata. Il-Bibbja, bħala l-Kelma ta' Alla, kif tagħmel f'kull qasam ieħor tal-ħajja tagħna, tagħtina gwida f'dan il-qasam ukoll. Imma qabel ma aħna nidħlu fid-dettall tas-suġġett, ħalli nħarsu lejn xi ftit prinċipji bażiċi tal-Bibbja.

Aħna naqraw f'Filippin 1:9-10,

> "*U dan nitlob, li l-imħabba tagħkom toktor iżjed fil-għerf u fid-dehen kollu;* ***Biex tis-tgħu tagħarfu tagħżlu dak li hu l-aħjar****; biex tkunu sinċieri u bla ħtija sal-jum ta' Kristu.*"

Il-Bibbja ma fihiex kodiċi formali ta' l-ilbies bħal, "il-keffa tad-dublett tal-mara m'għandiex tkun 'il fuq aktar minn 30 ċentimetru minn għakset is-sieq." Minflok, Alla jagħtina *prinċipji* li aħna għandna nużawhom biex aħna nagħmlu l-ġudizzji tagħna nfushna fuq x'għandna nilbsu, kif għandna nilbsu u x'mgħandniex nilbsu. Jekk aħna, bħala Kristjani nkunu nafu dawn il-prinċipji, aħna nkunu nistgħu nużawhom f'kull rigward għal kull artiklu ta' l-

ilbies, u b'kunfidenza nkunu nistgħu "nagħarfu nagħżlu dak li hu l-aħjar" nagħmlu deċiżjonijiet maturi dwar x'ilbies sejjer jogħġob jew ma jogħġobx lil Alla.

Issa, għaliex huwa importanti li nkunu rridu li nogħġbu lil Alla, ukoll f'qasam ta' l-għixien tagħna bħal l-ilbies li aħna nilbsu? Fit-Tieni Korintin 5:15, il-Bibbja tgħid,

> "*U miet għal kulħadd, biex dawk li jgħixu ma jgħixux aktar għalihom infushom, imma għal dak imiet għalihom, u raġa' qam.*"

Aħna ngħixu biex nogħġbu lil **Alla**, mhux lilna nfusna; li **nogħġbu lil Alla** għandha tkun ix-xewqa numru wieħed tagħna, u dan jinkludi li nogħġbuh b'ilbies xieraq. U kull meta jiena nisma' lil xi ħadd igħid (kif jiena kont smajt rigward in-nisa jilbsu l-qliezet jew ċertu lbies), "Għaliex ma nistax?" jew "Int urini *għaliex jiena għandi nagħmel dan*!" Jiena naf li din mhijiex persuna lix-xewqa primarja tagħha hija li togħġob lil Alla. Kristjani li tassew iħobbu lil Alla jħarsu lejn kif huma jilbsu jew lejn oqsma oħra tal-ħajja billi jagħmlu biss dak li jogħġob lil Alla. U issa, ħalli mmorru għal erba' prinċipji tal-Bibbja li għandhom x'jaqsmu ma l-ilbies tal-Kristjani.

L-ewwel minn kollox, Alla jrid distinzjoni bejn l-irġiel u n-nisa, u din id-distinzjoni testendi għall-ilbies tagħna. Il-Bibbja tgħid, "*...Raġel u mara Alla ħalaqhom*"—fiżikament, Alla għamel irġiel u nisa distinti minn xulxin. U mbagħad, f'Ġenesi 3:16-19, aħna naqraw lir-raġel kien mogħti r-rwol li jaħdem għall-familja u l-mara li ġġib it-tfal u tieħu ħsiebhom—mhux biss huma kienu rġiel u nisa li jkunu fiżikament differenti, imma Alla, imma Alla ta-

hom rwoli soċjali distinti. Mill-ħoqlien, Alla ried li l-irġiel ikunu rġiel u n-nisa jkunu nisa.

U mbagħad fl-epoka Możajka, aħna nsibu passaġġi taħt il-Patt il-Qadim bħal Dewteronomju 22:5 li jgħid,

> "*Il-mara m'għandiex tilbes dak li hu tar-raġel, u lanqas ir-raġel dak li hu tal-mara: għax dawk kollha li jagħmlu hekk huma mistkerrha mill-Mulej, Alla tiegħek.*"

Ftakar, qabel ma tgħaddi xi kummenti, li dan qiegħed igħidu *Alla* u mhux il-bniedem! Biċ-ċar, Alla ra x'jiddistingwi raġel minn mara, u mara minn raġel; Hu ma riedx taħlit tar-rwoli, ukoll fil-qasam ta' l-ilbies.

Fit-Testment il-Ġdid, aħna naqraw passaġġi bħal Rumani 1:24-27 u 1 Korintin 6:9-10 fejn Alla jikkundanna rġiel effeminati u nisa li juru lilhom infushom bħala rġiel. Mela, sa mill-ħolqien, sa matul l-epoka Możajka u ġo l-epoka tat-Testment il-Ġdid tal-lum, Alla ordna distinzjoni bejn l-irġiel u n-nisa u din id-distinzzjoni testendi għal l-iblies tagħna.



Fil-kultura tagħna, ma hemm ebda ħaġa oħra li hija femminili daqs libsa. Meta wieħed imur f'xi ristorant, lukanda, teatru, jew f'xi post fejn jattendu ħafna nies, u postijiet oħra bħal dawn dan dejjem jara fl-entratura fejn

persuna tmur biex tinqeda dwar il-bżonnijiet tagħha (toj-lit) żewġ emblemi fuq il-bibien tat-tojlits—waħda siluwett liebes qalżiet twil u l-oħra siluwett b'libsa ta' mara, jiġifieri, libsa b'dublett. Jekk inti mara, f'liema bieb taħ-seb li inti tidħol? Jekk inti raġel, f'liema bieb taħseb li inti tidħol? Dawn l-emblemi tista' tgħid li ssibhom f'kull paj-jiż li tmur, ukoll f'postijiet fejn dawn ma jħaddnux il-Kristjaneżmu. Il-libsa turi liema huwa l-post għal l-irġiel u liema huwa għan-nisa. Nisa, f'dan iż-żmien ta' nuqqas ta' lealtà lejn il-Kelma ta' Alla u li fih qegħdin jaqilbu r-rwoli tar-raġel u l-mara fejn il-mara qisha saret raġel u r-raġel qisu sar mara fir-rwoli tagħhom bl-iskuża li t-tnejn għandhom l-istess drittijiet, (li hekk għandu jkun) u li qisu għax il-mara tibqa' d-dar trabbi lil uliedha huwa xi diżu-nur, għaliex int tagħlaq għajnejk għal opportunità bħal din biex tkabbar il-femminità tiegħek, li hija li togħġob lil Alla u tedifika lill-knisja? "Agħżel dak li hu l-aħjar."

It-tieni prinċipju tal-Bibbja dwar l-ilbies – L-effett li l-ilbies tagħna għandu fuq l-influwenza tagħna. F'Mattew 5:13, Ġesù Kristu għallem li jekk aħna nitilfu "l-palat," l-influwenza tagħna li ssalva, aħna ma nkunu tajba għal xejn – u l-ilbies tagħna jista' joqtol l-influwenza tagħna. Bħala eżempju, jekk xi ħadd jagħtini flokk li fuqu jkun hemm riklam ta' xi ditta tas-sigarretti, għaliex jiena ma nilbsux? Jiena ma npejjipx, mela għaliex ma nilbsux? Għaliex jiena nkun qtilt l-inwluwenza tiegħi bħala Krist-jan bl-ilbies tiegħi. Minn naħa l-oħra, Ġesù għallem f'Ma-ttew 5:14-16 li l-influwenza tajba tiegħek, tiddi bħal dawl quddiem il-bnedmin, din tigglorifika lil Alla.

Kemm nisa minn tagħna ġew avviċinati fil-pubbliku u jiġu mistoqsija f'liema knisja jattendu minħabba l-mod kif jilbsu u kif iżommu xagħarhom? "Agħżel dak li hu l-aħjar." Ftakar, int imkien m'għandek influwenza akbar milli fid-dar, quddiem uliedek u żewġek. Għalfejn tilbes ħwejjeġ fil-preżenza tagħhom li inti taf li jagħmlu ħsara lil l-influwenza tiegħek jekk int tilbishom fil-pubbliku? Ma hemm ħadd li inti tista' jkollok influwenza fuqu milli wliedek stess u l-familja tiegħek—ilbes b'mod xieraq!

It-tielet prinċipju tal-Bibbja dwar l-ilbies—Kemm jekk l-ilbies tiegħek huwa offensiv jew le.

Il-kelma "joffendi," f'versi bħal Rumani 14:21, tfisser "li tikkawża jew tagħmel li min jaqa'…tikkawża li jċedi" (Thayer). Hemm żewġ modi kif l-ilbies tagħna jista' jikkawża lil xi ħadd biex jidneb. L-ewwel, Ġesù qal f'Mattew 5:28 illi li tħares fuq mara bix-xewqa (biż-żina) huwa li tikkommetti adulterju magħha f'qalbek. Jekk mara tilbes ilbies provokattiv hija tista' tikkawża raġel li jidneb, u l-istess ir-raġel lejn il-mara. M'għandix għalfejn inkompli nispjega kif in-nisa u l-irġiel qegħdin jilbsu llum (diġa' tkellimt dwar dan minn paġna 2). U t-tieni, Rumani 14 igħallem li jekk xi ħadd jiddubita li xi ħaġa hija tajba, ukoll jekk hija skond il-liġi, huwa jidneb jekk jieħu sehem fiha għaliex huwa jmur kontra l-kuxjenza tiegħu. Rumani 14:23 jgħid,

> "*Imma min hu fid-dubju, jikkundanna lilu nnifsu jekk jiekol, għax ma jikolx bil-fidi: għax dak kollu li mhux mill-fidi hu dnub.*"

Inti bħala mara tista' bil-kliem u bl-eżempju tinkoraġġixxi mara biex tilbes ilbies mhux xieraq meta hija tem-

men b'qalbha kollha li dak huwa ħażin. Jekk permezz ta' l-influwenza tiegħek hija tkun imġiegħelha li tmur kontra l-kuxjenza tagħha u tilbes, bħala eżempju, qliezet issikati, dbielet qosra, eċċ., inti tikkawżaha li tidneb. Ġesù għallem f'Mattew 18:6 li jekk inti toffendi wieħed ċkejken, ikun aħjar għalik li tiddendel ġebla ta' mitħna m'għonqok u tixħet lilek innifsek f'qiegħ ta' baħar. Aħseb dwar dan.

Ir-raba' prinċipju tal-Bibbja dwar l-ilbies – L-ilbies għandu jkun modest.

1 Timotju 2:9 jgħid, in-nisa għandhom iżejnu lilhom infushom b'ilbies xieraq, bil-"modestja." Il-kelma "mode-stja" tfisser, "bl-ordni, irranġat tajjeb, diċenti, modest" (W.E. Vine). Issa, aħna m'aħniex qegħdin nitkellmu dwar modest f'għajnejn il-ġar tiegħek, jew tal-ħbieb, jew saħa-nsitra tal-familja tiegħek, imma f'għajnejn **Alla**. Int m'in-tix qiegħed tipprova li togħġob lill-bnedmin imma lil Alla (Galatin 1:10); int m'intix se tkun iġġudikat/a mill-bned-min imma minn Alla (2 Korintin 5:10).

Aħna nafu li Alla jħares lejn l-għera bħala immodestja. Fil-fatt, wara li Adam u Eva dinbu Alla libbishom bi ġlud ta' l-annimali għaliex **Hu** ma kienx sodisfatt bl-ilbies li huma kienu għamlu biex igħattu l-għera tagħhom. L-iskop ta' l-ilbies kien, u huwa, biex **jaħbi**, mhux biex juri – **jaħbi l-għera**. Dan hu għaliex il-Kristjani għandhom jilbsu lbies mhux imqaċċat, kemm irġiel u kemm nisa. Jiena ma nemminx li Alla japprova lbies imqaċċat u skullat. U jiena nixtieq nikkwota Isaija 47:1-3 sabiex wieħed jifhem aktar x'jara Alla bħala għera u immodstja:

*"Inżel oqgħod fit-trab, O xebba, bint Babel, oqgħod fl-art, bla tron, O bint il-Kaldin: għax int ma jsejħulikx aktar l-imfissda, u d-delikata. Aqbad il-mitħna, u idħan id-dqiq: neħħi l-velu tiegħek, inża d-dublett, ikxef saqajk: aqsam ix-xmajjar! Il-għera tiegħek tinkixef; iva, u jidher għajbek: jien nitħallas, u ma neħlisha lil ħadd."*

Il-mara hija wżata biex tissimbolizza l-waqa' ta' Babel. Innota li fil-punt li Alla jiddeskriviha bħala li għandha saqajha mikxufa u l-koxxa mhux mogħtija Alla jgħid li hija "għarwiena" u l-għajb tagħha jkun jidher. Dan hu għal ilbiesi qosra, qliezet qosra ħafna (fuq in-nisa u fuq l-irġiel), qasmiet fid-dbielet, eċċ. mhumiex modesti f'għajnejn Alla—dawn huma midinba. F'dan iż-żmien immorali li fih aħna qegħdin ngħixu, nittama li aħna, bħala Kristjani, ma nsirux tant imdorrija b'din l-immodestja li nitilfu s-sens tagħna ta' x'inhu modest. Jiena naħseb li xi wħud li jsejħu lilhom Kristjani jinsabu f'din is-sitwazzjoni prekarja. Huma jgħalqu għajnejhom għal dawn l-affarijiet u qisu mhu jiġri xejn.

## KONKLUŻJONI

Aħna nservu lil Alla *fil-ġisem* kif ukoll fl-ispirtu (1 Korintin 6:10); dan jinkludi l-libsa tagħna. Il-Bibbja ma fihiex kodiċi formali ta' l-ilbies, imma tagħtina prinċipji ta' kif għandna nilbsu li jgħinuna nagħmlu għażla dwar x'inhu l-aħjar (Filippin 1:9, 10). Aħna rridu li nogħġbu lil Alla, mhux lilna nfusna. L-erba' prinċipji ta' l-ilbies huma (1) żomm id-distinzjoni ta' raġel u mara; (2) ikkon-

sidra l-effett li l-ilbies tagħna għandu fuq l-influwenza tagħna; (3) inkunu żguri li l-ilbies tagħna ma "joffendi" lil ħadd; (4) u nkunu ċerti li l-ilbies tagħna huwa modest f'għajnejn **Alla**. Jiena nemmen li dawn il-prinċipji jistgħu jkunu wżati għal kull artiklu ta' lbies kemm jekk inti raġel u kemm jekk inti mara u kemm jekk inti anzjan jew anzjana u kemm jekk inti żagħżugħ jew żagħżugħa. Tajjeb li nagħlaq billi nikkwota x'tgħid il-Bibbja dwar il-ġisem tagħna:

> "*Ma tafux li intom tempju ta' Alla, u li l-Ispirtu ta' Alla jgħammar fikom? Jekk xi ħadd jeqred it-tempju ta' Alla, Alla jeqred lilu.* ***Għax qaddis hu t-tempju ta' Alla, li huwa intom***" (1 Korintin 3:16-17; ara wkoll 6:19).

Kif jista' ġisimna jkun qaddis jekk aħna nilbsu lbies mhux modest, ilbies li jikkawża oħrajn li jaqgħu fit-tentazzjoni. żgur li l-Ispirtu s-Santu mhuwiex se jgħammar f'tempju li jkun okkażjoni għad-dnub għal ħaddieħor.

Jalla Alla jbierkek fix-xewqa tiegħek biex taqdih aħjar fil-Mulej Ġesù Kristu.

Għal aktar informazzjoni ikkuntattja lil:
Knisja Ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida MSD 10

e-mail: ifno@churchofchristmalta.com

Laqgħat: Il-Ħadd – 10.30 a.m.
L-Erbgħa – 7.00 pm.